## FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-28 ta' Gunju 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 92/98 fl-ismijiet**

**Cynthia Ruggier**

**vs**

**Anthony Dingli propio et nomine**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Anthony Dingli fejn gie premess :

Illi l-mutur tal-marka Harley Davidson bin-numru ta' registrazzjoni FBG-239 gie maqbud bil-mandat fuq citat;

Illi l-mutur imsemmi mhux proprjeta tar-rikorrent, izda ta' ibnu William Dingli, (ara Affidavit ta' William Dingli anness u mmarkat Dok "A");

Illi ibnu William Dingli ilu jhallas il-pagamenti dovuti fuq l-imsemmi mutur hekk kif indikat fil-kopji tal-ircevuti annessi (dokument B sa P);

Illi ibnu William Dingli qed ibati danni minhabba tali qbid u dan peress li l-pretensjonijiet ta' Cynthia Ruggier kontra r-rikorrent, m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' ibnu;

Illi l-mandat odjern huwa frivolu u vessatorju fil-konfront ta' William Dingli;

Ghalhekk ir-rikorrent talab li din il-Qorti tordna r-rilaxx tal-mutur tal-marka Harley Davidson bin-numru ta' registrazzjoni FBG-239, proprjeta ta' ibnu William Dingli;

Rat ir-risposta ta' Cynthia Ruggier fejn gie sottomess :-

1. Illi, in linea preliminari, ir-rikors odjern huwa irritu u null ghaliex kellu jsir minn William Dingli u mhux minn missieru Anthony Dingli ghaliex huwa fil-fatt William Dingli li kif jirrizulta mill-istess rikors huwa li ghandu interess illi jigi rilaxxjat il-mutur indikat fl-istess rikors;

2. Illi, ukoll in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, il-procedura adoperata mir-rikorrent hija nulla ghaliex mhix dik il-procedura kontemplata mil-ligi fil-kaz odjern;

Illi l-esponenti tirreferi ghall-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi rimedju limitatament ghall-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih li jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget il-mandat in kwistjoni halli jigi irrevokat in toto od in parte dak il-mandat in kwistjoni;

Illi l-esponenti tirrileva illi, kif tista' tapprezza l-istess Qorti, William Dingli u cioe' il-persuna li jidher li ghandha interess illi l-mutur in kwistjoni jigi rilaxxjat mhix u qatt ma kienet tifforma parti mill-proceduri in konnessjoni mal-mandat fl-ismijiet fuq premessi;

Illi ghalhekk dan William Dingli li mhux parti f'dawn il-proceduri seta' biss jipprocedi sabiex jattakka in toto od in parte il-mandat in disamina biss billi jintavola citazzjoni;

3. Illi, in oltre u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva illi dan William Dingli ma gab l-ebda prova illi l-mutur in kwistjoni huwa proprjeta' tieghu u certament affidavit ta' dan William Dingli fejn jiddikjara illi dan il-mutur huwa proprjeta' tieghu mhuwix sufficjenti bhala prova;

Illi lanqas ma tista' titqies bhala prova d-dokumenti esebiti mir-rikorrent Anthony u immarkatii Dok B sa P li jifforma parti mill-process;

4. Illi finalment l-esponenti tissorprendi ruhha kif saru issa dawn il-proceduri u qed jigi allegat illi dan William Dingli qed isofri xi pregudizzju partikolari wara li ghaddew iktar minn sentejn minn meta l-mandat in disamina gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghalhekk l-esponenti talbet illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, dina l-Qorti joghgobha tirrigetta t-talba hekk kif maghmula u dana bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti qed jghamel dan ir-rikors fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 92/98. Jidher li dan il-mandat kawtelatorju gie ottjenut mill-intimata Cynthia Ruggier kontra r-rikorrenti. Jidher ukoll li permezz tal-imsemmi mandat gie maqbud mutur tal-marka Harley Davidson bin-numru ta' registrazzjoni FBG-239. Ir-rikorrenti qed jallega li dan il-mutur mhux proprjeta tieghu izda hu proprjeta ta' ibnu William Dingli, li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-intimata Ruggier. Ir-rikorrenti jippremetti li l-imsemmi mandat hu frivolu u vessatorju fil-konfront ta' ibnu l-imsemmi William Dingli. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi ordnat ir-rilaxx tal-imsemmi mutur;

Jidher li dawn il-proceduri qed isiru a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12). In effett dan l-artikolu jipprovdi li minn ikun inhareg kontra tieghu att kawtelatorju jista jghamel rikors fejn jitlob li l-istess att kawtelatorju jigi revokat jew in parte jew kollu. Difatti r-rikorrenti hu dak li ssubixxa l-imsemmi mandat ta' qbid u qed jitlob li dan il-mandat jigi revokat ghal dak li jirrigwarda oggett wiehed li nqabad permezz tal-istess mandat u cioe' l-imsemmi mutur;

L-istess artikolu 836 jelenka b'mod specifiku r-ragunijiet meta talba bhal din tista tigi akkolta. Ir-rikorrenti ma jghamel ebda referenza ghall-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet. Sabiex tigi akkolta talba bhal din hu neccessarju li tirrizulta b'mod specifiku almenu wahda minn dawn ir-ragunijiet. F'dan il-kaz dan zgur li ma jirrizultax;

Ir-rikorrenti jallega li l-mandat in kwestjoni ghandu jitqies li hu frivolu u vessatorju fil-konfront ta' ibnu, li skond ir-rikorrenti hu s-sid tal-mutur li nqabad bil-mandat. L-artikolu in kwestjoni ma jelenkax fost ir-ragunijiet ta' meta tista tigi akkolta talba bhala din, li l-mandat jista jkun frivolu jew vessatorju fil-konfront ta' minn issubixxa l-istess mandat jew fil-konfront ta terzi. L-istess artikolu isemmi biss il-kliem "frivolu u vessatorju" meta jelenka l-kazijiet li fihom minn jkun ottjena l-hrug ta' att kawtelatorju jista jigi kundannat ihallas penali;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti zgur li ma jinkwadrawx ruhhom fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 836. Barra minn hekk ir-rikorrenti stess qed jammetti li l-mutur in kwestjoni mhux tieghu. Ghalhekk jirrizulta li l-istess rikorrenti m'ghandux interess guridiku li jppromuovi dawn il-proceduri. Hu s-sid tal-mutur li semmai ghandu dan l-interess. Inoltre s-sid tal-mutur lanqas ma jista jagixxi b'rikors a bazi tal-provedimenti tal-imsemmi artikolu 836;

In vista ta dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.